# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tnejn, 13 ta' Mejju 2019

## Talba Numru 464/2018SFJ

## *GO p.l.c. (C22334)*
## *vs.*
## *Christopher Gatt (262173M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' **elfejn u mitejn u tlieta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€2,283.04)** in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kontijiet bin-numri 40094655, 40102349, 50930126 u 50939127 u għalkemm interpellat sabiex iħallas, baqa' inadempjenti, bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali (*ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bir-referenza 1557/2015 u bl-imgħaxijiet kummerċjali *ai termini* tal-Art. 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema mgħaxijiet għandhom jiddekorru mill-aħħar *Bill Due Date* kif indikat fid-dokumenti A1 sa A4.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument A1 – *Statement* relattivament għall-kont numru **40094655** bl-isem "*The George Pub*" (a fol. 2 u 3);

ii. Dokument A2 – *Statement* relattivament għall-kont numru **40102349** bl-isem "*The George Pub*" (a fol. 4 u 5);

iii. Dokument A3 – *Statement* relattivament għall-kont numru **50939126** f'isem il-konvenut (a fol. 6 u 7);

iv. Dokument A4 – *Statement* relattivament għall-kont numru **50939127** f'isem il-konvenut (a fol. 8 u 9);

v. Dokument B1 – *Altered Certificate of Registration as a Result of Amalgamation* relattivament għall-akwiżizzjoni mis-soċjetà attriċi tas-soċjetà Mobisle Communications Limited (C24655) (a fol. 10);

vi. Dokument B2 – *Payment Programme Agreement* datat 10 ta' Ottubru 2013 relattivament għall-kont **40094655** (a fol. 11);

vii. Dokument B3 – *Business Pack Contract Agreement* datat 17 ta' Ġunju 2011 immarkat "*Renewal of Business Pack*" (a fol. 12);

viii. Dokument B4 – *Request for Works Application Form* relattivament għall-kont numru **40102349** datata 27 ta' Frar 2012 (a fol. 13);

ix. Dokument B5 – *Application Form* relattivament għall-kont numru **50939126** datata 22 ta' Mejju 2012 (a fol. 14);

x. Dokument B6 – *Application Form* relattivament għall-kont numru **50939127** datata 22 ta' Mejju 2012 (a fol. 15);

xi. Dokument B7 – Prokura datata 22 ta' Mejju 2012 li permezz tagħha l-konvenut ħatar bħala prokuratriċi tiegħu lil Natalie Ellena Wooley (30385A) (a fol. 16);

xii. Dokument C – Kopja tal-ittra uffiċjali (166A) numru 1557/2015 ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2015 (a fol. 17) flimkien mar-riferta negattiva datata 5 ta' Ottubru fejn ir-raġuni għal riferta negattiva kienet "*Unclaimed*" (a fol. 17); u

xiii. Dokument D – Estratt mir-Reġistru Elettorali li jgħid li l-indirizz tal-konvenut (Karta tal-Identità 262173M) huwa Garden Apartments Block A, Flat 1, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar (a fol. 18).

Ra li wara numru ta' tentattivi għan-notifika, il-konvenut kien debitament innotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni (4 ta' Marzu 2019) u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (5 ta' Marzu 2019) u f'gazzetta lokali (*The Times of Malta* – 25 ta' Marzu 2019) u dan skont kif jidher mill-atti proċesswali (a fol. 31 sa 35).

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2019, ġie ivverbalizzat li sa dik il-ġurnata, il-konvenut ma kien ippreżenta ebda Risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawża.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ippreżentata mill-Avv. Keith Grech fit-28 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi irriduċiet it-talba tagħha bl-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) u għalhekk, is-sorte rimanenti kien jammonta għal **elfejn u tlieta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€2083.04)**.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2019 xehed Paul Gatt, prodott in eżami mis-soċjetà attriċi, li xehed li s-somma ta' elfejn u tlieta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€2083.04) kienet għadha dovuta u kienet tappartjeni l-kontijiet numri 40094655, 40102349, 50939126 u 50939127, liema kontijiet kienu jappartjenu lill-konvenut u lil *The George Pub*. Gatt xehed li kien sar pagament wieħed biss nhar l-14 ta' Novembru 2018 u li s-somma kif ridotta kienet għadha dovuta.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, il-konvenut reġa' ma deherx u lanqas ippreżenta Risposta sabiex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi kif ridotta ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn u tlieta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€2083.04) bl-ispejjeż u imghaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**